MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-2 ta' Frar, 2007

Rikors Numru. 1108/2006

**Rikors konguntiv ta' George (401744M) u Maruccia (217951M) konjugi Muscat ai termini tal-artikolu 300B ta' l-Att dwar il-Kumpanniji (Kap 386 tal-Ligijiet ta' Malta).**

**Il-Qorti**

**Preliminari**

Rat l-**att tar-rikors** li permezz tieghu ir-rikorrenti esponew illi:

Illi r-rikorrenti kienu socji f'socjeta' f'Isem Kollettiv bl-isem ta' *Transtrav Services* (P-561/15) hekk kif muri fl-att tas-socjeta' hawn anness u mmarkat bhala Dok 'A' liema

socjeta' giet ikkostitwita fis-sitta (6) ta' Mejju 1998 hekk kif jirrizulta mill-istess dokument.

Illi b'rizoluzzjoni tat-30 ta' Marzu 2006 iz-zewg socji ddecidew sabiex ixolju s-socjeta' in kwistjoni u dana ai termini tal-artikolu 7 ta' l-att tas-socjeta' u dan hekk kif muri mid-dokumenti 'B' u 'C' annessi mal-prezenti.

Illi meta r-registratur tal-Kumpanniji gie nnotifikat bid-decizjoni ta' xoljiment minn naha tas-socji tas-socjeta' imsemmija l-istess Registratur tal-Kumpanniji ha l-passi necessarji sabiex dina s-socjeta' tigi kkancellata mir-registru kif fil-fatt ghamel.

Illi meta r-Registratur tal-Kumpanniji ordna l-kancellament tas-socjeta' msemmija minn fuq ir-registru tal-kumpanniji, l-istess socjeta' ghad kellha assi mmobbli rregistrati f'isimha u cioe' numru ta' proprjetajiet li kienu ghadhom ma ddevolvewx fuq is-socji f'isimihom personali jew fuq terzi hekk kif kien bi hsiebhom jaghmlu r-rikorrenti (ara dok 'B' u 'C').

Illi llum ir-rikorrenti jinstabu f'sitwazzjoni fejn hemm numru ta' proprjetajiet li huma rregistrati f'isem is-socjeta' illum xjolta *Transtrav Services* u ghalhekk ma jistax isir l-ebda trasferiment ta' dawn l-assi.

Illi r-rikorrenti dahlu f'konvenju fejn huma ppromettew li se jbieghu, jitrasferixxu u jassenjaw wiehed minn dawn il-proprjetajiet (ara Dok 'D') li jinsabu rregistrati fuq l-isem is-socjeta' imsemmija lil terzi u liema konvenju diga' skada u gie imgedded sat-tnax (12) ta' Frar 2007 (Ara Dok E).

Illi meta sar il-konvenju imsemmi kemm ir-rikorrenti u n-Nutar Timothy Ellis, li huwa n-Nutar li ghamel il-konvenju imsemmi ma kienux jafu b'dina s-sitwazzjoni u fil-fatt is-sitwazzjoni giet a konjizzjoni tal-partijiet wara li saru r-ricerki relattivi u l-verifiki mar-Registru tal-Kumpanniji.

Illi ghaldaqstant ir-rikorrenti jissottomettu bir-rispett li huwa xieraq illi s-socjeta' *Transtrav Services* terga' tiddahhal

fir-Registru ai termini tal-artikolu 300B(1) u dana sabiex l-istralc jerga' jinfetah ghar-ragunijiet hawn fuq imsemmija.

Ghaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Titratta dana r-rikors bl-urgenza.

2. Tordna li l-isem tas-socjeta' in kwistjoni u cioe' *Transtrav Services* terga' tkun restitwita fuq ir-registru u li l-istralc in kwistjoni jerga' jinfetah u dana taht dawk il-provedimenti li jidrilha xierqa u opportuni.

3. taghti kull provvediment iehor opportun u necessarju ghal dan l-iskop.

Rat ir-**Risposta ta' l-Intimat** a fol. 16 tal-process fejn issottometta :

Illi fl-10 ta' Marzu 1986 giet registrata s-socjeta' b'responsabbilta' limitata Transtravel Limited (C7943), liema socjeta' giet ikkonvertita f'socjeta' f'isem kollettiv bl-isem ta' Transtrav Services (P561) b'effett mit-3 ta' Mejju 1998 (ara Doc. A).

Illi fl-10 t'April 2006 z-zewg socji tas-socjeta' in kwistjoni, permezz ta' Formola B innotifikaw lir-Registratur tal-Kumpanniji illi s-socjeta' f'isem kollettiv Transtrav Services kienet giet xolta fil-31 ta' Marzu 2006 (ara Doc B) u permezz ta' notifika separata huma kkonfermaw lir-Registratur illi kien intlahaq ftehim finali bejniethom dwar id-distribuzzjoni tal-assi u l-obbligazzjonijiet tas-socjeta' (ara Doc C.).

Illi fit-2 u fit-3 ta' Mejju 2006 Ir-Registratur ippubblika skond il-ligi avvizi dwar ix-xoljiment tas-socjeta' (fil-gazzetta *The Times* u fuq il-web-site mizmuma mir-Registratur) u sussegwentement fil-11 t' Awissu 2006 gie pubblikat avviz iehor dwar il-kancellament tas-socjeta' minn fuq ir-registru b'effett mit-3 ta' Awissu 2006.

Illi t-talba kif maghmula mir-rikorrent hija infondata fid-dritt peress illi s-socjeta' *Transtrav Services* (P561) hija socjeta' f'isem kollettiv filwaqt li l-artikolu 300B ta' l-Att ta' l-1995 dwar il-Kumpanniji japplika biss ghal socjetajiet b'responsabbilta' limitata. Inoltre l-imsemmi artikolu 300B japplika biss meta l-istralc u l-kancellament ta' kumpannija jkun vizzjat bi frodi jew illegalita ta' natura materjali; liema cirkostanzi ma jezistux fil-kaz in kwistjoni. Lanqas ma jista' japplika l-artikolu 300A illi bhal artikolu 300B ma japplikax ghall-socjetajiet f'isem kollettiv.

Illi ma hemm l-ebda provvediment fl-istess Att li jipprovdi ghall-ftuh mill-gdid tal-process li wassal ghal l-istralc u ghal-kancellament ta' socjeta' f'isem kollettiv u li tali socjeta' tista' terga tigi ravvivata wara li kienet kancellata minn fuq ir-registru tas-socjetajiet.

Illi mandanakollu, jekk il-Qorti thoss li f'dan il-kaz ghandha taghti xi forma ta' rimedju, dan ghandu jigi akkordat biss ghar-ragunijiet u esigenzi ta' gustizzja u pratticita' u kemm il-darba ma jistax jigi provdut rimedju iehor.  Tali rimedju ghandu jkun wiehed eccezzjonali u straordinarju u ghalhekk ghandu jigi espressament deskritt u akkordat bhala tali u b'kundizzjonijiet ad hoc.  Tali rimedju m'ghandux jitqies bhala wiehed li jfejjaq kwalunkwe manifestazzjoni ta' traskuragni jew negligenza kommessi matul l-istralc ta' socjetajiet kummercjali.

Illi f'dan il-kaz ir-Registratur tas-Socjetajiet ma huwiex jikkontesta l-possibbilita' illi jerga jinfetah mill-gdid il-process li wassal ghal l-istralc tas-socjeta', jekk dina l-Onorabbli Qorti jidrilha xieraq li ghandha taghti tali rimedju fic-cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz.  Pero' kwalunkwe ftuh dan il-process ghandu jsir biss sabiex ikun jista' jigi konkluz il-bejgh tal-proprjetajiet immobbli li baqghu registrati fl-isem tas-socjeta' *Transtrav Services* u ghall-ebda skop iehor; u sussegwentament l-isem tas-socjeta' ikun jista' jerga jigi mhassar definittavament minn fuq ir-Registru tas-Socjetajiet minghajr ebda dewmien.

Illi ghalhekk kemm il-darba dina l-Qorti joghgobha taghti dan ir-rimedju eccezzjonali ghandhom jigu stabbiliti

perjodi u proceduri precizi sabiex il-membri tas-socjeta' in kwistjoni jikkonkludu l-passi kollha mehtiega sabiex ikun jista jigi ffinalizzat il-process ta' kancellament ta' l-isem tas-socjeta' minn fuq ir-Registru. B'hekk ir-Registratur tas-Socjetajiet fil-funzjoni pubblika tieghu ikun jista' jipprocedi ghat-thassir definittiv ta' l-isem tas-socjeta' in kwistjoni sabiex tigi assikurata certezza dwar l-*Istatus* tas-socjeta' in kwistjoni fl-interess ta' terzi illi r-Registratur huwa marbut li jhares.

Illi r-Registratur tas-Socjetajiet m'ghandux jinzamm responsabbli ghall-ebda spejjez gudizzjarji konnessi ma' dan il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet lir-Rikorrent;

Semghet lill Avukati difensuri;

**KONSIDERAZZJONIJIET**

Fir-rikors prezentat ir-rikorrent qed jitolbu li s-socjeta Transtrav Services terga tiddahhal fir-Registru tal-Kumpanniji a termini ta' l-artikolu 300B(1) tal-Kap 386 sabiex l-istralc tas-socjeta' jerga jinfetah biex ikunu jistghu jinbieghu xi proprjeta' li ghadhom jidhru fuq isem l-istess socjeta' li ghandha anke konvenju li se jiskadi fit-12 ta' Frar 2007 wara li diga gie mgedded.

Ir-rikorrenti ssottomettew li huma ma kienux jafu li kien hemm proprjeta' registrata fuq isem is-socjeta' meta baghtu l-Form B ezibita, u saru jafu bihom wara li sar il-konvenju meta ngabu r-ricerki.

Ir-Registatur tas-socjetajiet, apparti li oggezzjona b'mod generali fir-risposta tieghu, zied jghid li l-artikolu 300B ma japplikax fil-kaz in ezami billi s-socjeta' Transtrav hija socjeta' f'isem kollettiv mentri dan l-artikolu japplika biss ghal socjetajiet b'responsabilita' limitata. Ighid ukoll pero' li f'dan il-kaz hu mhux qed jikkontesta l-possibilita' illi jerga jinfetah mill-gdid il-process li wassal ghal istralc tas-

socjeta' basta li dan ir-rimedju jkun wiehed intiz biss biex jinbieghu il-proprejtajiet immobilljari in kwistjoni li baqghu registrati fuq is-socjeta' Transtrav Services u dana jrid isir f'perjodu li ghandu jigi stabbilit.

B'verbal tad-19 ta' Jannar 2007 ir-rikorrenti ddikjaraw li t-talba taghhom saret limitatament biex jinbieghu l-proprejtajiet li baqghu registrati fuq il-kumpanija u talbu zmien ta' massimu ta' tlett snin biex jiddisponu min dina l-proprejta'.

Kwantu ghal-posizzjoni legali kif kienet qabel dahlu *in vigore* l-artikoli 300A u 300B tal-Kap 386 fil-kawza "Abela noe et vs Cachia et", P.A deciza fl-20 ta' Marzu, 2003, il-Qorti kienet ezaminat il-posizzjoni li hadu l-Qrati taghna u kkonfermat li f'certi cirkostanzi specjali kumpanija tista' terga' titqieghed fuq ir-registru tal-kumpanniji avolja tkun giet imhassra. (Ara wkoll sentenzi "Mayflower Co. Ltd et vs Registratur tas-Socjetajiet", deciza P.A. fit-22 ta' Jannar, 1999 u "Migdol Insurance Co. Ltd et vs Paul Mizzi noe" deciza P.A. fit-18 ta' Mejju, 2001 u Dr. L. Cassar Pullicino noe vs Reg. tas-Socjetajiet et deciza P.A. 24 ta' Jannar 2006).

Fit-2003 dahlu l-emendi fil-ligi dwar il-kumpanniji Kap 386 li bihom issa hu permess li jsiru rettifiki ta' skema ta' distribuzzjoni Art. 300A u restituzzjoni ta' isem ta' kumpanija fuq ir-registru f'certi cirkostanzi u taht kondizzjonijiet specifici. Art 300B.

Illi l-Qorti hi tal-fehma li f'dan il-kaz hemm lok li t-talbiet tar-rikorrenti jigu milqugha billi t-thassir tal-kumpanija sar bi zball.

**DECIZJONI.**

Ghal dawn il-motivi
Il-Qorti tiddeciedi
Billi, b'mod eccezzjonali u straordinarju, fin-nuqqas ta' rimedju iehor, u bhala rimedju ghac-cirkostanzi partikolari tal-kaz in ezami;
Tilqa' t-tieni u tielet talba tar-rikorrenti

Tordna l-socjeta' Transtrav Services terga tiddahhal fir-Registru tal-Kumpanniji u dana fl-istadju ta' l-istralc;
sabiex ikun jista' jigi konkluz il-bejgh tal-proprjetajiet immobbli li baqghu registrati fl-isem tas-socjeta' Transtrav Services u ghall-ebda skop iehor;
u sussegwentament l-isem tas-socjeta' ghandu jerga jigi mhassar definittavament minn fuq ir-Registru tas-Socjetajiet, zmien tlett snin millum; liema terminu huwa improrogabbili;
u dana wara li r-rikorrenti jkun hadu l-passi kollha sabiex jigi ffinalizzat il-process ta' kancellament ta' l-isem tas-socjeta' minn fuq ir-Registru.
L-ispejjez ta' dina d-decizjoni huma a karigu tar-rikorrenti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------